**MINUTI LAQGĦA URĠENTI NUMRU 15**
**TAL-KUNSILL LOKALI QALA**

Il-Ħamis, 13 ta' Mejju, 2025.

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum it-Tlieta, 13 ta' Mejju, 2025, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Rene Abela – Kunsillier
Karl Buttigieg - Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak – Kunsillier

ASSENTI B'APOLOGIJA (skond Ordni Permanenti 14A(3)):
Noel Mizzi – Vici Sindku

Uffiċjal Preżenti:
Manolita Manicaro - Agent Deputat Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

## 15.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

15.1.1 Il-Vici Sindku Noel informa li ma kienx f'pożizzjoni li jattendi għall-laqgħa.

## 15.2 Tiġrija taż-Żwiemel;

15.2.1 Is-Sindku rringrazzja lill-membri talli attendew għal din il-laqgħa li ssejħet b'urġenza.

Is-Sindku informa lil kunsilliera illi hemm xi membri tal-kumitat tal-festa kif ukoll min hu interessat jorganizza it-tiġrija taż-żwiemel illi ser jagħtu spjegazzjoni aktar fid-dettal dwar dan.

Il-kunsill ġie infurmat illi il-permessi, ir-risk assessment, l-insurance u ix-xogħol kollu li ser ikun hemm bżonn ser issir mill-organizzatur. Ir-risk assessment u l-insurance ser jiġu ppreżentati lil Kunsill. Il-Kunsill huwa mitlub biss biex jagħti in-No Objection tiegħu sabiex tintuża it-triq għall-attivita'. L-organizzatur informa lil Kunsill illi il-ħin tal-attivita' ikun mill-5:00pm il-quddiem u il-post tal-attivita' ikun Triq l-Imgarr, Qala.

Is-Sindku talab irċevuti tax-xogħolijiet, illi ix-xogħol kollu isir skond il-liġi u li l-organizzatur jieħu ħsieb ukoll il-public liability.

Il-Kunsillier Karl talab illi il-ħlasijiet isiru direttament bejn min ser jagħti il-fondi tal-iskema u min għandu jitħallas, mingħajr il-bżonn illi il-Kunsill ikun hemm bżonn illi jiġi involut f'transazzjonijiet.

Il-membri tal-kumitat tal-festa infurmaw illi skond il-programm tal-festa id-data għandha issir nhar it-28 ta' Lulju peress illi dakinhar kull ma jkun hemm high tea fil-pjazza.

Il-Kunsill qabel illi din l-attivita' għandha issir u issir applikazzjoni għall-fondi taħt il-Cultural Fund tal-Ministeru għall-Għawdex u l-Ippjanar.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

KUNSILL LOKALI
QALA

## 15.3 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

15.3.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiema fis-6:00pm.

IFFIRMATI

Paul Buttigieg
Sindku

IFFIRMATI

Manolita Manicaro
Agent Deputat Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt